MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Numru. 316/2013

**Il-Pulizjja**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Alex Fenech**
**Francienne Al Naser**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati Alex Fenech ta' 20 sena bin Louis u Fortunata xebba Mercieca imwieled il-Pieta nhar it-12 ta' Mejju 1992, residenti gewwa 9A, Triq Sant' Anna, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 244992M u;

Francienne Al Naser ta' 29 sena bint Louis Fenech u Fortunata xebba Mercieca imwielda l-Pieta fit-19 ta' Frar 1984, residenti gewwa Carmen Flat 1, Triq is-Serkin, Marsa u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 123984M, gew akkuzati talli :

Nhar il-15 t' Awwissu 2011 ghal habta tas-02:00hrs, gewwa l-ghassa ta' Rahal Gdid iddenunzjaw lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq ħolqu it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat li fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2013 l-imputati iddikjaraw li ma jsibux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Rat li fl-istess udjenza saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati anki wara li inghataw z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidraw tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensuri in tema ta' piena u jew sanzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi la darba l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputati, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarhom hatja taghha.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti :

Illi fil-15 ta` Awwissu 2011, ghall-habta tas-1.00am, l-ahwa Alex Fenech u Francienne Al Naser marru l-ghassa tal-pulizija ta` Rahal Gdid fejn irrappurtaw li waqt li l-vettura ABQ 192, propjeta` ta` Francienne Al Naser, kienet fil-pussess ta` Alex Fenech, din isterqet. Dan ir-rapport falz ghamluh peress illi in effetti din il-vettura kienet fil-pussess

ta` persuna ta` nazzjonalita` Sirjana bl-isem ta` Mohamed, li kien jahdem mar-ragel ta` Francienne Al Naser, liema vettura inlemhet tinstaq b’mod eccessiv, u peress illi r-ragel ta` Francienne Al Naser ma kienx jaf li l-vettura kienet ghand dan il-persuna ta` Nazzjonalita` Sirjana.

Ikkunsidrat;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali nettissima tal-hatja, l-ammissjoni u l-koperazzjoni assoluta tal-hatja waqt li huma gew interrogati, l-ammissjoni bikrija tal-hatja fl-ewwel okkazjoni waqt dawn il-proceduri, il-fatt li huma talbu apologija pubblika lill-pulizija, il-fatt li z-zewg imputati, kif jistqarru d-difensuri taghhom, ghandhom livell baxx hafna ta` intelligenza, u li ghandhom problemi ta` sahha u socjali fil-familja. L-istorja li hargu biha biex jghattu kaz ta` ksur tar-regolamenti tat-traffiku hija wahda verament pwerili. Dan jorbot mas-sottomissjonijiet maghmulha mid-difensuri tal-imputati.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b’rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru tal-hatja, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Alex Fenech u lil Francienne Al Naser hatja ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghhom u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jaghmlu ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn mill-llum, u dana

kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Alex Fenech u lil Francienne Al Naser fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huma jaghmlu xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------